MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

**GUDIKATUR DR.**
**GRIMA EDWINA**

Seduta tal-21 ta' Ottubru, 2002

Talba Numru. 1531/2002

***E. Grech Cristal Bath Ltd***
***vs***
***Carmelo Farrugia Melfar Limited***

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-21 ta' Gunju, 2002, fejn intalab li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' erba' mija u tlieta u sebghin lira Maltin u seba' u ghoxrin centezmu (Lm473.27c) rappresentanti bilanc dovut minn somma akbar in konnessjoni mal-bejgh u konsenja ta' diversi oggetti u servizzi relatati forniti mis-socjeta' attrici fuq ordni tas-socjeta' konvenuta.

Bl-ispejjez, u bl-imghaxijiet kummercjali mid-data tal-fatturi relattivi kontra s-socjeta' konvenuta.

Ra li s-socjeta' konvenuta debitament notifikata baqghet ma dehritx u l-anqas ma pprezentat risposta fir-rigward.

Ra n-nota ta’ cessjoni pprezentata illum stess li permezz taghha s-socjeta’ attrici cediet is-sorte tal-kawza, izda zammet ferm il-kap ta’ l-ispejjez.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant it-Tribunal wara li ra n-nota ta’ cessjoni pprezentata llum stess, jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri tal-mertu tal-kawza.

L-ispejjez ta’ dina l-istanza, ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta’ konvenuta.

**Avukat Dr. Edwina Grima**
**Gudikatur**